FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 22 T' APRIL, 2002**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 289/02 JB**

**Maltacom P.L.C.**

**vs**

**Joseph u Mary konjugi Cutajar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm308.03c (tlett mija u tmien liri Maltin u tlett centezmi) dovuti lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 806063.

L-konvenuti gew interpellati sabiex jhallsu izda baqghu inadempjenti u ghalhekk saret din-il-kawza.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema lil Pl Noel Scerri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm 308.03c (tlett mija u tmien liri Maltin u tlett centezmi) dovuti lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 806063, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**